


## IL-LOGO U T-TIFSIRA TIEGHU

JUBILEE 2025
PILGRIMS OF HOPE

**F'konferenza stampa li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju, fis-Sala Regia tal-Palazz Appostoliku tal-Vatikan, il-Vatikan zvela l-Logo ufficjali ghas-sena tal-Gublew li gejja.**

**Il-Kunsill Pontifikali ta' dak iz-zmien ghall-Evangelizzazzjoni l-Gdida, li issa jinsab fi hdan id-Dikasteru l-gdid ghall-Evangelizzazzjoni, gie fdat bil-kordinazzjoni tal-preparamenti tas-Santa Sede ghas-Sena Mqaddsa 2025 bil-motto: "Pellegrini tat-Tama".**

**L-eks President tal-Kunsill, l-Arċisqof Rino Fisichella, zvela l-logo u fakkar li hekk kif bdew il-preparamenti fi hdan il-Knisja ghas-Sena Mqaddsa, id-Dikasteru taghhom nieda kompetizzjoni, miftuha ghal kulhadd, ghall-holqien tal-Logo.**

**"Total ta' 294 dahlu ghall-kompetizzjoni minn 213-il belt u 48 pajjiz differenti", qal Arċisqof Rino Fisichella "filwaqt li nnota li l-parteċipanti kienu jvarjaw fl-età minn 6 sa 83."**

**"Fil-fatt, ircevejna hafna disinji pinguti bl-idejn, minghand tfal minn madwar id-dinja, u kien tassew kommoventi li tanalizza dawn it-tpingijiet li kienu frott ta' immaginazzjoni u fidi sempliċi."**

**Waqt il-gudikazzjoni, ix-xoghlijiet gew identifikati biss b'numru biex l-awtur baqa' anonimu.**

**Fil-11 ta' Gunju, l-Arċisqof Fisichella ressaq it-tliet progetti finali lill-Papa Frangisku biex jaghzel dak li laqtitu l-aktar.**

**"Wara li hares lejn il-progetti diversi drabi u esprima l-preferenza tieghu, intghazel il-progett ta' Giacomo Travisani," qal l-Arċisqof Fisichella.**

Giacomo Travisani rrifletta dwar x'qanqal l-immaginazzjoni tieghu fis-sottomissjoni li kien ghamel. Huwa qal kif kien immagina lin-nies kollha miexja 'l quddiem flimkien, kapaci jimxu 'l quddiem "grazzi ghar-rih tat-Tama li huwa s-Salib ta' Kristu u Kristu nnifsu."

Logo Rebbieh

Il-Logo juri erba' figuri biex jindikaw l-umanità kollha mill-erba' kantunieri tad-dinja. L-erba figuri jidhru qed ihaddnu lil xuxlxin. Din tindika s-solidarjetà u l-fratellanza li ghandhom jghaqqdu l-popli kollha flimkien. L-ewwel figura hija mwahhla mas-Salib. Il-mewg ta' taht jindika li l-pellegrinagg tal-hajja mhux dejjem ikun fuq ilmijiet kalmi.

Minhabba li hafna drabi c-cirkostanzi personali u l-grajjiet dinjija jitolbu sens akbar ta' tama, tghid deskrizzjoni tal-Logo, il-parti t'isfel tas-Salib hija tawwalija tinbidel f'ankra, li tiddomina l-moviment tal-mewg.

L-ankri spiss intuzaw bhala metafori ghat-tama.

Ix-xbieha turi kif il-vjagg tal-pellegrin mhux individwali, izda pjuttost komunitarju, bis-sinjali ta' dinamizmu dejjem jikber u jimxi dejjem aktar lejn is-Salib.

“Is-Salib mhuwiex statiku,” issuggerixxa Fisichella, “izda dinamiku, li jghawweg u jiltaqa' mal-umanità

**bhallikieku mhux biex ihalliha wahedha, izda pjuttost joffri c-certezza tal-prezenza tieghu u s-serhan tal-mohh tat-tama".**

**Il-Motto tal-Gublew 2025, Peregrinantes in Spem huwa wkoll vizibbli b'mod car fil-kulur ahdar.**